**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 41 – 4 ta' Dicembru 2014**

***Minuti tal-41 laqgħa tal-Kunsill tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Ħamis, 4 ta' Dicembru, 2014.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 41. Il-laqgha bdiet fis-7:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| **Skużati:** | Thomas Agius | Vici Sindku |
| | Joseph Fsadni | Kunsillier |
| **Assenti:** | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| **Pubbliku:** | Robert S. Tabone | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-minuti ta' Agenda Nru 40 jiġu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut , Cain Grech, Duncan Bartolo

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd.

Il-minuti ġew approvati (174).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-laqgha mat-Transport Malta kienet ghadha ma saretx.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Cain Grech tkellem dwar korrispondenza li l-Kunsill rcieva minghand TCTC, dwar il-possibilita ta' lezzjonijiet li jigu huwa offruti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Haz-Zebbug. Gie deciz li ssir laqgha mat-TCTC minghajr ma l-Kunsill jikkommettu ruhu.

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar laqgha li saret ma' Eng. Giuseppe Capone li huwa sid ta' kumpanija tal-panneli fotovoltaici. Min-naha tieghu dan ghandu jaghmel proposta bil-miktub sabiex jekk il-Kunsill Lokali jaqbel jigu identifikati bjut pubblici fejn jistghu jsiru dawn il-pannelli. Wara li tintbaghat din il-komunikazzjoni bil-miktub minn naha ta' din il-kumpanija, ghandha ssir laqgha mal-Malta Resources Authority.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-vot jghaddi kif prezentat jigifieri ghall-ammont ta' Eur60,450.43 kif ukoll l-ammont dovut lill-kummissarju ta-Taxxi Nterni ghal Ottubru 2014.

4.2 Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut , Cain Grech, Duncan Bartolo

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd.

Il-minuti ġew approvati (175).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**Fanali**

5.1 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar il-fanali li hemm madwar Dun Karm Psaila li mhux qeghdin jixeghlu minhabba hsarat fis-sistema tad-dawl. Ghaldaqstant is-Sindku kompla jghid, li ntalbet quotation lill-Micamed. Din il-quotation ghal sitt fanali tammonta ghal Eur11,000.

Gie maqbul li jinxtraw 14-il fanali, li 6 minnhom ghandhom ikunu *plain* sabiex anke dawk ta' fejn l-istatwa ta' Pawlu Mifsud jinbidlu.

5.2 Is-Sindku Alfred Grixti saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm xi titjib fis-servizz tal-knis. Hija prezentat numru ta’ ritratti li ttiehdu ta’ boroz li ma ngabrux u li damu hemm ghal aktar minn gurnata wahda. B’kollox inghataw erbatax-il default notice ghal dawn in-nuqqasijiet.

Is-Sindku Alfred Grixti issuggerixxa li ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ghall-boroz tal-iskart sabiex jintrema l-knis go fihom.

**Gnien l-Infetti**

Is-Sindku Alfred Grixti qal li jehtieg li jinghata *facelift* lill-Gnien l-Infetti billi jinbidlu l-bankijiet, u l-bandli. Ghaldaqstant ghandhom jintalbu estimi ta’ kemm jigi jiswa dan il-progett. Sadanittant qed jinhass il-bzonn li jsir upgrade tas-street furniture tal-pjazza u tar-rawndebawt.

6. **AGGORNAMENT**

Is-Sindku Alfred Grixti aggorna l-laqgha ghall-15 ta’ Jannar 2015. Il-laqgha spiccat fit-8:55pm.

Alfred Grixti
Sindku

Paula M. Valletta
Segretarju Ezekuttiv